MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 470/2004

**Atlas Insurance PLC Limited (C6501) ta' 47-50, Ta' Xbiex Seafront f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Michele Peresso (C6409) abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tal-ligi.**

**vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Limited (C424) ta' Valletta Buildings 54, South Street Valletta.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallsu s-somma komplessiva ta' Lm4,742.81c, erbat elef seba' mija u tnejn u erbghin lira u wiehed u tmenin centezmu, jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-surveys relattivi, liema merkanzija kellha

tingarr mis-socjeta' konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Maltese Falcon fil-15 ta' Marzu, 2004, liema danni diga' thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mis-16 ta' Gunju, 2004 u bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat wkoll in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici peress illi s-socjeta' konvenuta agixxiet bil-hila u diligenza rikjesti u mhix reponsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija in kwistjoni stante li din giet nieqsa minhabba ragunijiet li s-socjeta konvenuta ma setatx tevita u li ghalihom ma kellha ebda tort jew htija kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici ghad trid tipprova d-danni minnha reklamati, li effettivament hallset is-somma ta' erbat elef seba' mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm4,742.81) lill-assigurat taghha Michele Peresso Limited u li hija giet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess socjeta assikurata;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz illi s-socjeta' konvenuta kellha tigi tenuta responsabbli, is-'survey fees' mhumiex reklamabbli u kwalsiasi responsabblita' li tista' tigi determinata hija limitata a tenur tar-regolamenti tal-'Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road' (CMR) li kienu jkopru l-garr ta' merkanzija in kwistjoni;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti migjuba fil-kwistjoni hawn devoluta jemergi illi s-socjeta’ Michele Peresso Limited kienet imputat f’Malta zewg konsenji ta’ merkanzija li kienu trasportati f’container wiehed taht sistema *groupage* fuq inkarigu moghti lis-socjeta’ konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited li da parti taghha qabdet bhala sub-appaltatur lis-socjeta’ Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited. Mal-wasla tal-container f’Malta kien notat ammont sostanzjali tal-merkanzija nieqsa;

Fatti aktar pertinenti huma s-segwenti: l-merkanzija tghabbiet fil-*container* f’Milan l-Italja u dan thalla fl-area tad-dwana ta’ Genoa filwaqt illi x-xufier tat-trailer mar fuq xoghol fuq trailer iehor (jew ahjar *ma nafx fejn kien ix-xufier taghna bejn il-lejl tal-gimgha sas-Sibt* fol 109). Il-*container* mhux wiehed normali fis-sens illi ghandu bibien quddiem kif ukoll wara u meta wasal tqieghed fil-Bond Complex tas-socjeta’ intimata gewwa Hal Far izda mal-konsenja kien notat illi l-*container* kellu s-sigilli tal-bibien ta’ wara neqsin u dawk ta’ quddiem ma kienux jaqblu mad-dokumenti tat-trasport. Jemergi illi kient sehhet serqa mill-*container* waqt li dan kien qieghed Genoa izda s-socjeta’ Fahreneheit qatt ma infurmat b’dan lis-socjeta’ konvenuta hlief wara li din kienet nnutata l-mankanza fis-sigilli u fil-merkanzija f’Malta. Minn dan il-container kienu insterqu oggetti ta’ persuni ohra li minn dan li tista’ tifhem il-Qorti kienu ta’ valur ghola minn dak odjern stante li dwarhom kienu intavolati proceduri fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili;

Ikkunsidrat inoltre illi l-assigurat tas-socjeta’ attrici sofriet id-danni reklamati fl-avviz u li din kienet risarcita mill-istess socjeta attrici li konsegwentment kienet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat. Jikkonsegwi ghalhekk illi tkun deciza l-kwistjoni tar-responsabilita’ tas-socjeta’ konvenuta fit-termini tal-fatti hawn esposti. Il-Qorti rat in-noti ta’ sottomissjonijiet studjati tal-partijiet u minn hawn huwa kondiviz l-aspett primarju tal-vertenza illi s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghal dawk in-nuqqasijiet li talvolta jistghu ikunu attribwibbli lis-sub-appaltatur taghha, jigifieri t-trasportatur Fahreeheit u dan fit-termini tal-Kodici Civili. Raggunt dan il-punt, huwa pacifiku ukoll illi din il-

merkanzija ingarret taht kondizzjonijiet specifici, jigifieri taht is-CMR Rules. Il-pern tal-kwistjoni huwa jekk is-socjeta' konvenuta ghandhiex tkun responsabbli ghas-serq mill-container waqt li dan kien fil-kustodja tat-trasportatur taghha. Issa b'mod rilevanti hafna, s-socjeta' attrici ticcita s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet Charles Borg noe vs Francis Vella et noe et fejn kien spjegat b'mod kliniku illi l-Artikolu 17(1) tal-konvenzjoni CMR jiddisponi illi "*The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damages thereto occuring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery".* L-istess Qorti gustament ccitat l-artikolu 17(2) li jinnewtralizza dan l-oneru meta f' *circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent;*

Is-socejta' konvenuta fil-kawza odjerna qed tirritjeni illi dan is-serq jabbraccja ruhu f'dawk ic-cirkostanzi li t-trasportatur ma kellux kontroll fuqhom. Pero' kif jemergi b'mod assodat fis-sentenza citata, s-serq ghandu jitqies bhala kaz fortwit sakemm ma jkunx hemm xi htija da parti tad-depozitarju tal-oggett. Is-socjeta' attrici ccitat ukoll is-sentenza Thomas Smith Insurance Agency Limited not vs MD Trucking Limited et (PA 18.2.2004) fejn kienu ccitati n-*notes of guidance* mahruga mill-Federazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi fuq it-Triq. Wahda mill-aspetti ta' dawn in-noti gwidu jirreferu ghall-fatt notorju ta' serq kommess fl-Italja u li ghalhekk kien jehtieg certi kawteli fi trasport. F'dik il-kawza, kif tajjeb tirrileva s-socjeta' attrici, kienet saret referenza ghal decizjoni f'kawza estera fejn trasportatur li kien halla t-trailer tieghu wahdu ghal madwar saghtejn f'area tad-dwana tajlana kien tenut responsabbli tas-serq li sehh fil-container tieghu. Issa meta tqis illi s-socjeta' Fahreneheit stess tghid illi ma tafx fejn kien ix-xufier taghha wara li ddepozita l-container kif ukoll li din ghazlet li tuza container li ghandu bibien sia quddiem kif ukoll fuq 'l wara tal-container li naturalment jiffacilita serq minnu, dan kollu jitfa l-oneur fuq l-istess trasportatur. Irid jinzamm fil-mira ukoll l-fatt illi minkejja li t-trasportatur kien jaf li l-container kien

tbaghbas matul il-lejl, dan naqas li jinforma lil-principali tieghu ghal ragunijiet li jaf hu biss. Haga din li tista’ tkun interpretata bhala *mala fede* da parti tat-trasportatur;

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi s-serq subit mill-assigurat tas-socjeta’ attrici mhux kaz fortwit u ghalhekk t-trasportatur ma jistghax jinheles mir-responsabilita’ skond id-disposizzjoni tal-artikolu 17(2) tal-konvenzjoni. Wara illi din il-Qorti hija sodisfatta dwar il-prova tal-ammont risarcit, is-surroga favur is-socjeta’ attrici kif ukoll l-prova ta’ danni konnessi jigifieri l-hlas tas-survey report, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti.

Ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm4,742.81 llum ekwivalenti ghal €11,047.77 kif mitluba fl-avviz bl-imghax mis-16 ta’ Gunju 2004.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------